# IL-FIDI U S-SINJAL TAS-SALIB.



Il-kowc tat-tim nazzjonali tal-futbol Spanjol, Luis de la Fuente Castillo, issorprenda lit-telespettaturi meta spjega waqt intervista ma’ Cope, il-midja tal-Konferenza tal-Isqfijiet Spanjoli, li taghmel is-sinjal tas-salib qabel tibda kull loghba “mhix superstizzjoni, hija l-fidi.”

L-eks plejer tal-futbol stqarr li kull darba li jaghmel is-sinjal tas-salib ma jaghmlux bhala  superstizzjoni izda

b’fidi. Din kienet it-twegiba ghal mistoqsija tal-gurnalista Helena Condi.

“Ghandi fidi,” qal il-kowc tat-tim li laghab fil-finali tal-Euro Cup 2024 fil-finali wara li gheleb lil Franza aktar kmieni .

Kienu diversi okkazjonijiet li fihom de la Fuente tkellem fil-miftuh dwar il-fidi tieghu. Waqt intervista mal-gazzetta Spanjola El Mundo , huwa qal li jekk wiehed ma jemminx f’Alla, il-hajja “ma jkollha ebda tifsira.”

“Hija xi haga li trid tghixha. Jien religjuz ghax iddecidejt li nkun. Jien gej minn familja religjuza, imma tul hajti, kelli hafna dubji u kont imbieghed mir-religjon,” qal f’Ottubru tal-2023.

Madankollu, irrakkonta li f’hin minnhom f’hajtu ddecieda li jerga’ jersaq lejn  Alla u jistrieh Fuqu f’dak kollu li jaghmel.

“M’hemmx wahda, imma elf raguni biex temmen f’Alla. Minghajr Alla, xejn fil-hajja m’ghandu tifsira,” stqarr f’dik l-okkazjoni.

Bl-istess mod, f’intervista ma’ El Periódico , huwa qal li jitlob kuljum u li ghandu “relazzjoni tajba m’Alla.”

“Ghalhekk nitlob Lilu, lil San Fermin u lill-Vergni de La Vega biex jghinuna, biex inkunu qrib Tieghu,” qal.

Tibzghax trodd is-salib biex tistqarr il-fidi tieghek. U roddu kullimkien bla ma tisthi…qabel tivvjaga, qabel u wara l-ikel, qabel titlob u qabel kull haga ohra li inti tara li minghajr Alla ma tista’ taghmel xejn.

Ghix dak li temmen.